KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 9 Tlieta 12 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Howard -Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

MISTIEDNA
Accountant Daniel Galea (via Skype)
Perit Charles Buhagiar (PAMA)

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Bonnici, kif wkoll l-ittra tal-Kunsillier Micallef fejn informa lil-Kunsill li ħa jasal tard minħabba x-xogħol. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 8
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 8.

Saret sospensjoni tal-minuti biex jinqraw *items* 9.3.20 WM Environmental Pending Payments, 9.5.2 Quartery Report 3, 9.5.3 PAMA, u 9.5.5 Immaniġjar tat-traffiku minn Triq il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda.

## 9.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 9.3.1 Korrispondenza - Request for One Way and no Horn signs to be installed in Triq San Silvestru

Is-Sindku nfurmat li rċeviet bosta lmenti biex jsir *one-way* u jitwaħħlu in-*no horn signs.* Il-membri preżenti qablu li ssir laqgħa oħra bejn il-Kunsilliera. Il-Kunsillier Cassar offra lis-Sindku biex jtija l-informazzjoni ta' meta saret il-*public hearing*.

### 9.3.2 Kommunikazzjoni - Quote for Resurfacing of Triq il-Bonnijiet and Triq il-Bajtar pavement

Is-Sindku nfurmat li ltaqat mal-Perit tal-Kunsill, fejn il-bankini la għadhom fi stat tajjeb ħa jibqaw kif inhuma, u jekk jkun jkun bżonn jittranġaw il-partijiet li jkun hemm bżonn.
Bħala servizzi tal-WSC, dawn ħa jkunu qed jgħamlu *trenching works* fejn parti minnhom ser jitħallsu mil-Kunsill. Il-membri preżenti unimament approvaw il-kwotazzjoni.

### 9.3.3 Kommunikazzjoni – Restoration of Street Shrines

Is-Sindku nfurmat li n-niċċeċ ħa jibdew jiġu r-restawrati f'din l-ordni.

1. San Ġużepp
2. St. Nicholas
3. St. Francis
4. Holy Family
5. Mount Carmel

Ix-xogħolijiet ħa jibdew għal-bidu ta' Diċembru, u ħa tintbgħat ittra lir-residenti li għandhom xi niċċa mar-residenza tagħhom.

### 9.3.4 Kommunikazzjoni - Avviz importanti tizjin bid-dawl ghal festi tal-Milied

Is-Sindku nfurmat li tqassmet l-ittra biex jinġabru 120 Ewro bħas-snin ta' qabel. Din is-sena ħa jsir wkoll ir-reklamar fuq il-PA system ta' 30 Ewro għal-reklam ta' bejn 15 u 20 sekonda. Is-Sindku ssuġeriet li dawk l-istabbillimenti li ħa jkollhom l-armar tal-Milied fit-triq tagħhom, jintalbu 150 Ewro li jinkludi ir-reklam wkoll. Individwi li m'għandhomx stabbiliment, jistaw jgħamlu reklam biss, kif wkoll ħwienet li mhux ser jkollhom armar tad-dawl fit-triq tagħhom.
Is-Sindku nfurmat li ħa jsir awgurju tal-Milied mil-Kunsill.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni tal-PA system.

Is-Sindku nfurmat li ħa jitħallsu 2,500 Ewro lil-paroċċa fejn ħa tiġi armata s-siġra tal-Milied fil-pjazza u *stand* biex nkunu nistaw nbiegħu xi affarijiet. Ħa nipruvaw niġbru parti mis-somma lura billi mad-dawra tas-siġra tal-Milied nbiegħu r-reklami.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li kellhu laqgħa mal-Paroċċa biex jitħejja l-Christmas Village mil-Kunsill bil-kollaborazzjoni mal-paroċċa. Biex jitella l-Christmas Village ħa jiswa 1,000 Ewro. Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

Is-Sindku dawret mal-mejda kwotazzjoni oħra ta' 1,652 Ewro, biex il-periferiji tal-Mosta jkunu wkoll mżejna bid-dwal tal-Milied, li huma; in-naħa tal-Bidnija, Zokkrija, Sta. Margerita, Blata l-Għolja u l-Housing Estate.
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni, u approvaw li tiżdied wkoll it-tiżjin fejn il-kapella ta' l-Isperanza.

### 9.3.5 Kommunikazzjoni – Fondi għal Attivitajiet u Inizzjattivi Kulturali

Is-Sindku nfurmat li rċevejna l-fondi min-naħa tal-LESA, fejn l-Kunsill applika għal-żewġ proġetti li ġew approvati.
Dawn huma siġar għal proġett Community Gardening u proġett ieħor fuq kultura li ħa jkun jismu Pass Pass mal-Patrimonju Mosti referenza Appendiċi A. Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-proġett relatat mal-kultura huwa proġett ta' sena fejn ħa jinkludi *heritage trail, photographic walk-abouts*, eżibizjonijiet u materjal ta' *printing*. Il-fond mil-LESA huwa ta' 7,800 Ewro, u dan il-proġett ħa jiswa madwar 10,000 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw dawn il-proġetti.

### 9.3.6 Kommunikazzjoni - One Way Triq il-Bajtar u Triq l-Istrinġell

Is-Sindku qrat l-ittra li ħa tintbgħat lir-residenti biex din it-triq issir *one-way.* Din l-ittra kienet diġa intbgħatet fil-passat fl-2017 u azzjoni ma tteħdietx, għalhekk ħa terġa tintbgħat.
Il-Kunsillier Cassar talab biex l-istess ittra tintbgħat lir-residenti ta' parti min triq Baskal Buħagiar, u parti ta' triq Ħtajriet.

Is-Sindku nfurmat wkoll li triq l-Istrinġell wkoll hemm bżonn li ssir *one-way* u peress li qasira min jdur għal-ġo din it-triq dejjem issib vettura oħra dieħla min-naħa opposta. Il-Kunsilliera Cassar u Howard ssuġġerew li jsir pjan ħolistku ta' toroq sekondarji li hemm bżonn jsiru *one-ways.* Din hija soluzzjoni li tista tgħin biex jiżdiedu l-*parkings* u titnaqqas il-konġestjoni.
Il-Kunsilliera qablu li jitolbu parir lil Perit tal-Kunsill qabel ma tintbagħat ittra lir-residenti.

### 9.3.7 Kommunikazzjoni – Street Sweeping Extra worker

Is-Sindku nfurmat li fis-seba leġiżlatura *item* 74.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Laqgħat mal-kuntratturi tal-knis u tal-ġonna, kien ġie deċiz li fuq it-talba tal-kuntrattur tal-knis, jiżdied kennies ieħor bi prova biex jkun jista jlaħħaq iż-żoni kolla skond l-iskeda.

Il-membri preżenti qablu li s-servizz tjieb ħafna għalkemm jkun hemm xi lmenti żgħar li qed jiġu *tackled* flimkien bejn il-kuntrattur tal-knis u l-Kunsillier Howard responsabbli mil-indafa.
Il-membri preżenti unanimament approvaw id-9 kennies.

### 9.3.8 Kommunikazzjoni – Talbiet oħra dwar claims li ma jinvolvux vetturi

Is-Sindku nfurmat li beda jiltaqa' l-*board* tal-*claims,* u staqsiet biex il-bord jibda jikkonsidra *claims* li ma jkunux relatati ma vetturi. Ir-raġuni hija għax kellna *claim,* fejn persuna qattet il-libsa ma tabella li kienet maqluwa l-barra.

Il-Kunsilliera Cassar u Howard ma qablux li dawn jiġu kkunsidrati minħabba li jista jkun hemm lok għal-abbuż. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Kunsilli oħra l-anqas *claims* fuq vetturi ma jikkunsidraw. Il-Kunsillier Howard spjega wkoll li meta l-bord japprova *claim* ta' vetturi, qed jitnaqqas l-10% minħabba *wear and tear.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw u qablu mal-bord tal-*claims* biex jitnaqqas l-10% minħabba *wear and tear,* fuq *claims* li japprova l-bord. Rigward *claims* oħra il-membri preżenti m'approvawx *claims* li ma jkunux relatati ma vetturi.

Il-Kunsillier Cassar ta' rendikont fuq id-deċizjonijiet li l-bord ħa fuq il-claims li daħlu, għal approvazzjoni tal-Kunsill.
Żewġ *claims* ġew irrifjutati hekk kif inhu ġej:

- Il-persuna li tefa l-*claim*, dam xahrejn biex għamel rapport l-għassa, imbgħad dam erba xhur oħra biex ġabu l-Kunsill.
- Persuna rriversja ġo U-Bar. Din il-U-Bar qegħda f'parti ta' triq li tidjieq, u qegħda għas-sigurta ta' min juża l-bankina.

Ħdax il-*claim* ġew approvati li jammontaw għal-2,340.40c Ewro, fejn tnaqqas l-10%, b'total finali ta' 2,106.36c Ewro. Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Il-Kunsillier Cassar talab wkoll biex ir-ritratti jibdew jintalbu biex jkunu bil-kulur, kif wkoll proposta oħra mil-Kunsillier Howard fejn talab li jekk persuna iklemja żewġ *tyres*, dan bilfors ġie ttowjat, għalhekk f'dawn il-każżijiet trid tibda tintalab l-irċevuta fiskali tat-*towing.* Il-membri preżenti unanimament approvaw.

### 9.3.9 Kommunikazjoni - Amendments to waste collection schedule

Is-Sindku nfurmat li rċevejna kommunikazzjoni mil-Wasteserv biex ngħatu suġġerimenti fuq l-iskeda ta' ġbir ta' skart. Is-Sindku nfurmat li tressaq suġġeriment min impjegata tal-Kunsill biex l-ħġieġ jibda jinġabar l-Erbgħa jew il-Ħamis minflok il-Ġimgħa. Dan għaliex il-Ġimgħa diġa jinġabru 2 boroż differenti u meta jkun imiss il-ħġieġ, it-trakk ikollu jiġi tlett darbiet bil-konsegwenza li jew jibdew jiġbru kmieni jew idum ma jinġabar kollox.

Is-Sindku staqsiet lil-membri preżenti jekk hemx iktar suġġerimenti, u l-Kunsillier Howard isuġġerixxa li jkun hemm *bottle bin* għal-ħġieġ, għar-ristoranti, każini etċ. Il-Kunsillier Cassar nforma li stabbilimenti bħal dawn suppost għandhom il-kuntrattur tal-ġbir tagħhom, aparti li diġa neħħejna l-Bring-In-Sites minħabba abbuż u ħmieġ li kienu jħallu.

### 9.3.10 Kommunikazzjoni - quote solar belisha vjal il-qalbiena mostin kif idur mar-roundabout tal-iscotts

Is-Sindku nfurmat li qed jkollna diversi talbiet bies jsir id-dawl ma z-*zebra crossing.* Intalbet kwotazzjoni għal-LED Belisha *lights*. Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' 2,596 Ewro.

Fit 8:15pm il-Viċi Sindku talab biex jiġi skużat għax kellu impenji oħra.

### 9.3.11 Kommunikazzjoni – Road Humps in Triq EB Vella

Is-Sindku nfurmat li fl-2017 ġew approvati min Transport Malta żewġ *road humps* fi triq EB Vella, u TM talbuna biex ngħamlu x-xogħol.

Il-Kunsillier Cassar nforma li dawn sar jaf bihom meta kien Sindku, u meta saret l-ewwel waħda fil-parti tisfel, il-garaxxijiet kienu għerqu bl-ilmijiet tax-xita. It-triq kienet mibnija biex tilqa l-ilma tax-xita lejn in-nofs u lis-speed moderator fetħet l-ilma u beda jmur fil-ġenb tat-triq bil-konsegwenza li floodjaw il-garaxxijiet. Għalhekk, ir-road hump tisfel tneħħiet u l-oħra li kellha ssir fin-naħa ta' fuq ma saritx.

Il-Kunsillier Cassar kompla jispjega li t-tieni *road hump* ma saritx, għax il-konsultazzjoni kienet saret ħażin. Il-konsultazzjoni saret biss fuq *petition* li rċieva l-Kunsill u li ma ġietx ivvalidata mil-ewwel, fil-fatt il-*petition* kellha firem min residenti min Naxxar, u min Mostin li l-anqas biss joqgħodu ġo triq EB Vella, fil-fatt il-Kunsillier Cassar qal li r-residenti ta' EB Vella kienu kontra li jsiru *road humps,* ħlief soru anzjana ta' St. Monica, li tinkwieta ħafna mix-xejn.

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li jidher li issa qed jerġaw jintalbu bi skuża tac-*child care.* It-triq kif inhi ma tiflaħx li vetturi jsuqu b'veloċita, għax hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq u vettura waħda biss tista tgħaddi, it-triq mijhiex *two lane.* Il-Kunsill kien rema bi 800 Ewro tarmak frisk.

Il-membri preżenti qablu unanimament u m'approvawx li jsiru r-*road humps* minħabba kif inhi mibnija t-triq.

### 9.3.12 Kommunikazzjoni – Jitbattal il-Ġibjun tal-Housing Estate

Is-Sindku talbet approvazzjoni mil-membri preżenti biex jitbattal l-ġibjun, peress li l-*handyman* tal-Kunsill nforma li x'aktarx wasal biex jerġa jitbattal. Il-membri preżenti approvaw li jitbattal u l-ilma jmur fil-*culvert* u mhux fit-triq.

### 9.3.13 Kommunikazzjoni – WM Environmental Pending Payments

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li talbet kjarifikazzjoni lid-dipartiment fuq il-klawsola tad-*default notices "default notices are to be deducted in any one week monthly",* fejn id-DLG nfurmawna biex nitolbu kjarifika mil-avukat tal-Kunsill.

Saru tlett tipi ta' kalkoli differenti biex nipruvaw naraw kif waslet l-avukata ta' WM Environmental bil-kalkoli tagħha, u flimkien ma l-avukat qbilna li l-persentaġġ skont il-klawsola għandu jkun persentaġġ mhux għal-kull *default notice* imma jekk f'xahar inħarġu 4 *default notices* il persentaġġ jitnaqqas fuq 4 u mhux jitnaqqas għal-kul *default* li tinħareġ.

Il-klawsola tad-*default notices* tgħid wkoll li għalkemm hemm gwida ta' kif jinqataw id-*default notices*, il-Kunsill għandu dritt jiddeċiedi kontra u għad-diskrezjoni tiegħu. Għalhekk, il-membri preżenti unanimament qablu li d-*default notices* għandhom jinqataw bil-persentaġġ għal-kull *default notice* li nħarġet, għax servizz ma kienx kif mistenni.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 9.4.1 Outdoor Gym Equipment

Il-Kunsillier Cassar nforma li t-tender lest u l-kuntratt probabli iffirmat. Is-Sindku nfurmat li l-*equiment* wasal wkoll. Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li jidher li jonqos li jibdew il-*construction works* u l-applikazzjoni għad-Development Funds.

Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni għad-Development Funds għada ma tistax tintbgħat minħabba li jonqos l-kuntrattur Tyson u l-Perit tal-Kunsill biex jiprovdu l-kwotazzjoni. Rigward l-*outdoor gym* meta l-Perit tal-Kunsill mar fuq is-sit sabu li l-Enemata jrid jkollhom aċċess għas-*sub station* tagħhom, u għalhekk kellu jsir tibdil żgħir fuq il-pjanta biex jinħoloq passaġġ. Ma kienx hemm qbil fuq kif il-Perit tal-Kunsill ippropona l-passaġġ, u għalhekk qed nistennew mil-Enemalta biex jinfurmaw lil-Perit tal-Kunsill x'jixtiequ eżatt għal-aċċess tas-*sub station*.

Is-Sindku nfurmat li qed tiġri wara l-Perit tal-Kunsill biex nibdew ngħalqu għax is-*supplier* ta' l-*equipment* għandu *container* bl'affarijiet li ma jistax jibqa jżommu, aparti min hekk tal-Blata l-

Għolja ma nistawx nibdew l-anqas għax irridu l-approvazzjoni mis-CRPD għax il-ġnien jrid jkun CRPD *friendly.*

Il-Kunsillier Howard offra lis-Sindku biex tibgħatlu l-korrispondenza ħalli jkun jista jkellem lil tas-CRPD, biex forsi inħaffu l-proċess.

### 9.4.2 CCTV

Il-Kunsillier Cassar talab *update* fuq is-CCTV *cameras* tal-ġonna. Is-Sindku nfurmat li saret l-applikazzjoni għal-*internet.*

### 9.4.3 Tintinnabru

Il-Kunsillier Cassar staqsa f'hiex wasalna fuq din it-talba. Is-Sindku nfurmat li għad m'hemx *update*.

### 9.4.4 Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Cassar qal k'hemm hu kburi bl-oppożżizjoni fejn kien hemm attendenza xierqa mil-Kunsilliera fejn attendew 5 min 6, u 2 min naħa tal-Gvern. Dan juri impenn sħiħ bħala oppożżizjoni fuq l-attivitajiet tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Camilleri qal ma jaqbilx fuq il-kelma oppożżizjoni li ġiet intużat mil-Kunsillier Cassar għax ma jqisx lilu u t-*team* tiegħu bħala oppożżizjoni, għax hawn m'aħniex Gvern u oppożżizjoni, u m'għandux jkun hemm differenzi bejn il-partiti politiċi. Il-Kunsillier Camilleri kompla jgħid li l-Parlament l-oppożżizjoni m'għandomx dekasteru, u hawn bħala Kunsilliera kulħadd għandu dekasteru, irrelevanti min liema partit politiku ġejjin.

Il-Kunsillier Camilleri fuq nota differenti nforma lil-membri preżenti li l-ELC kienu nfurmati biex jiżbru u jaqtaw l-ħaxix fejn il-monument biex setaw jitqegħdu l-fjuri, imma x-xogħol ma sarx mil-ELC.

### 9.4.5 Laqgħa Annwali u Pjan ta' Ħidma

Il-Kunsillier Cassar fakkar lis-Sindku biex jiltaqaw fuq il-pjan ta' ħidma.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti li l-laqgħa annwali ser issir fil-5 ta' Diċembru fis-6:00pm, u staqsiet jekk hux ser issir fis-sala jew fil-*boardroom* tal-Kunsill.
Il-membri preżenti unanimament qablu li sir fil-*boardroom* tal-Kunsill peress li qatt ma jattendu residenti ħlief persuna waħda jew tnejn, apparti min hekk il-laqgħa trid tkun *live streamed.*

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret wkoll lil-membri biex jippreżentaw ir-rapport amministrattiv relatat mad-dekasteru tagħhom. Għal min ma jistax jattendi jista jgħati r-rapport tiegħu biex jinqara' min-kollega Kunsillier ieħor.

### 9.4.6 Parkeġġ Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Cassar staqsa x'ser jiġi fuq id-dwal li kellhom jsiru fil-parkeġġ ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Is-Sindku nfurmat li huma *standard lights* u ħa joħorġu mit-tender li diġa għandna, u bl-istess rati tal-kuntratt.

### 9.4.7 Pjazza Tabib Chetcuti

Is-Sindku dawret dokument mal-mejda ta' kif ser jkunu il-fanali.

### 9.4.8 Ħitan tas-Sejjieħ

Il-Kunsillier Cassar talab *update* ta' meta ħa jibda jsir ix-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjieħ.
Is-Sindku nfurmat li dawn ħa jibdew bejn Diċembru u Jannar. Is-Sindku nfurmat wkoll li tul tal-ħajt ta' Triq il-Bidnija li ħa ssir flok Vjal Ragusa huwa ta' 1,747 metru, u dak ta' Vjal Ragusa 974 metru. Is-Sindku żiedet tgħid li għad irridu approvazzjoni fuq it-tul tal-ħajt ta' triq il-Bidnija, filkas niefqu sa 974 metru.

### 9.4.9 Festa Qargħasel, Jum il-Mosta u Jum Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Camilleri nforma li għal-Festa Qargħasel u Jum il-Mosta l-budget kien bħal tas-sena 2018 ta' 19,300 Ewro, u din is-sena nfaqna 15,539 Ewro. Jum il-Qalbiena Mostin nefqa fl-2018 kienet ta' ftit iktar min 500 Ewro u din is-sena nfaqna 901 Ewro.
Il-Kunsillier Camilleri rrimarka li din is-sena is-servizz tal-Pulizija kien iktar għali.

### 9.4.10 Walking Club

Il-Kunsillier Zerafa nforma li s-Sibt 16 ta' Novembru ħa ssir it-tielet mixja. Il-Kunsillier Zerafa nforma li għal l-ewwel mixja li saret kienu 5, fit-tieni mixja kienu 15, u għal li jmiss jittama li l-grupp jerġa jiżdied.

### 9.4.11 Futboll Tournament

Il-Kunsillier Zerafa nforma li ħa jsir 5 *a-side* futboll *tournament* għal-għaqdiet fit-8 ta' Diċembru, fil-Mosta Football Ground. It-*tournament* jibda fid 9:00am. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill joħroġ 500 Ewro għal din l-attivita, u ssuġerew li jekk ma jkunx hemm ta' l-inqas 6 timijiet, it-*tournament* ma jsirx.

### 9.4.12 Tiżjien tal-Milied

Il-Kunsillier Deguara staqsa li għalkemm issemmiet iż-żona ta' Sta. Margerita li ħa jkolla t-tiżjin, ritratt fil preżentazzjoni ma jidhirx li hemm. Is-Sindku nfurmat li għandu raġun il-kuntrattur ma għamilx ir-ritratt, pero' t-tiżjin ħa jsir fil-ġnien minħabba li huwa viċin il-meter tad-dawl. Ġie ssuġeriet li minflok jsir fil-pjazzetta u l-membri preżenti qablu unanimament, kif wkoll jekk jkun hemm bżonn meter ieħor tad-dawl.

### 9.4.13 Culverts

Il-Kunsillier Deguara qal li l-*culverts* ta' Vjal Ragusa jidru miżdudin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

### 9.4.14 World Childrens Day

Il-Kunsilliera Rapa nfurmat li fl-20 ta' Novembru ħa jkun hemm il-World Childrens Day, u peress li responsabbli mil-edukazzjoni, il-Kunsilliera Rapa tkelmet mal-Malta Medical Students Association (MMSA), u ħadu pjaċir li jistaw jikkolaboraw mal-Kunsill fejn 100 student tal-mediċina ħa jduru l-klassijiet tal primarja tal-Mosta. Dawn ħa jixtru *stetoscopes* u affarijiet oħra biex jgħamlu demostrazzjoni bihom lit-tfal.

L-MMSA qed jitolbu għajnuna mil-Kunsill biex jixtru 8 settijiet ta' *stetoscopes* li jiswew madwar 15 Ewro l-wieħed, kif wkoll *sticker* għal fuq l-istetoscopes bil *logo* tal-Kunsill li jiswew 70 Ewro.
X'taqu li żewġ settijiet ta' *stetoscopes* jiġu preżentati mis-Sindku.
Il-membri preżenti unanimament approvaw is-somma ta' 190 Ewro.

9.4.15 Dekasteru Integrazzjoni Soċjali
Il-Kunsillier Deguara nforma li peress li huwa dekasteru ġdid għad qed jaħdem biex jniedi dan id-dekasteru.

9.5 Rapporti
9.5.1 Update - Ingaġġ ta' Tlett Skrivani Full Time Skala 15/16
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed nistennew l-applikazjonijiet għal-Skala 15 li tgħalaq fil 15 ta' Novembru. Jekk ma japplika ħadd, il-Jobs Plus jibgħatu l-lista Part 2.
Rigward Skala 16, din issa ħarġet għal-Kunsilli Lokali u Reġjuni u tgħalaq fit 22 ta' Novembru. Jekk ma japplika ħadd il-Jobs Plus jibgħatu l-lista Part 1.

9.5.2 Quarterly Report 3
L-accountant Galea qara l-*quarterly report* min Lulju sa Settembru 2019, li jkopri wkoll ir-rapport finanzjarju min Jannar sa Settembru 2019.

Il-Kunsill għadu għaddej bit-*trend* li kien qabad fejn ir-reservi tal-Kunsill qed jiżdiedu, u d-dejn m'għadux preżenti, u l-Kunsill qiegħed b'*surplus.*

F'dawn l-aħħar ġranet l-NAO ħarġu r-rapport finanzjarju li ġie preżentat lil-Parlament, fejn jgħatu analiżi tal-Kunsilli Lokali kollha. Għal snin twal l-awditur ma kienx jgħati opinjoni fuq il-Kunsill tal-Mosta, u fir-rappot ta' l-2018 irċevejna opinjoni li kienet posittiva fejn ikkonfermaw li l-Kunsill qiegħed f'*surplus.*

Mil-banda l-oħra l-NAO għamel referenza għal-*deficit* ta' 600,000 Ewro, li huwa *deficit* ta' natura rikkurenti ta' l-2018 waħdu, fejn fl-2018 il-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex applikaw id-Direttiva numru 1 fejn inbidel il-mod kif tiġi kkalkulata d-*depreciation* fuq il-*fixed assets* tal-Kunsilli. Qabel kienet tinħadem *reducing balance method* issa saret *straight line method,* fejn dan wasal għal-aġġustament fil-*fixed assets* ta' kwazi 800,000 li deher bħala telf ta' *accounting loss*, imma ma jfissirx li l-Kunsill għamel telf għax kienet *paper transaction* u mhux *cash transaction.* U dan id-*deficit* deher fuq il-kotba tal-Kunsilli kollha, fil-fatt l-NAO m'għamlux referenza għalih.

L-accountant kompla jgħid li l-Kunsill beda s-sena b'*surplus* ta' madwar 450,000 Ewro u sa Settembru tela' għal 697,374 Ewro, li jfisser FSI ta' 53%.

Il-Viċi Sindku staqsa l-*accountant* jekk f'dawn l-*accounts* hemx l-*invoices* tal-kuntrattur tal-*patching*. L-*accountant* nforma li f'dawn l-*accounts* jidru l-pagamenti ta' *patching* u ta' banikini sa Ġunju 2019. L-ammount huwa ta' 103,757 Ewro u *budgeted* hemm 125,000 Ewro. Il-Viċi staqsa sa meta huma l-*invoices* li rċevejna peress li l-perit tal-Kunsill għadu ma ċċertifikax kollox, u jekk hemm ħafna ammonti dawn jistaw jaqilbu l-ammonti fl-*accounts.* L-*accountant* nforma li daħħal 18,000 bħala *accruals,* biex nkunu koperti.
Statement u Financial Position, juru l-valur tal-*fixed assets* ta' 753,000 Ewro, fejn il-Kunsill spiċċa l-perjodu ta' *net current assets* 697,000 Ewro.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemx każijiet pendenti l-qorti li jekk nitilfuhom iridu noħorġu pagament. L-*accountant* nforma li l-kawżi li kien hemm fil-passat qabel żmienu kienu ingħalqu, u li fadal huwa l-każ ta' persuna li waqet fil-parking area ta' Transport Malta, u *claims* żgħar oħra ta' vetturi, li jidħlu kultant żmien. L-*accountant* nforma li l-avukat tal-Kunsill

jiprepara ittra legali fuq il-kawżi li jkollu l-Kunsill, liema ittra tiġi rreplikata fl-*accounts,* u tiġi ċċekjata mil-awditur.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Quarterly Report 3.

### 9.5.3 PAMA

Il-Perit tal-PAMA Charles Buhagiar ġie mistieden mil-Kunsill biex jgħati *update* fuq ix-xogħolijiet tal-PAMA. Il-Perit Buhagiar nforma li meta sar il-proġett tal-PAMA, il-PAMA kien marbut li jgħati kontribut ta' 500,000 fil-lokalita tal-Mosta. Il-Kunsill preċedenti kien daħal fi ftehim mal-PAMA ta' kif għandhom jinqasmu dawn il-flus, u sar qbil biex jsiru dawn il-proġetti.

- Restawr tal-funtana ta' l-Iljun
- Playing Field fiż-żona ta' Mlit
- Bankini

Il-Perit Buhagiar nforma li kien hemm żewġ proġetti oħra li twaqqaw, liema fond tagħhom issa ħa jmorru fuq it-tlett proġetti msemmijin. Dawn kienu pubblikazzjoni ta' ktieb u ġnien taż-Żokkrija.

Il-Perit Buhagiar nforma li fuq bankini fond fadal madwar 2,000 Ewro, pero' dan jrid jiġi kkonfermat mil-PAMA, il-Perit Buħagiar jista joħroġ il-metraġġi u t-toroq fejn saru l-bankini.

Il-Perit Buhagiar poġġa fuq il-mejda l-aħħar pjanta approvata mil-Planning Authority fuq il-ġnien Kevin Vella (ta' Mlit). L-unika ħaġa li fadal li jiltaqaw mas-CRPD għal approvazjoni tagħhom dwar l-aċċessibilita. Fuq nota differenti pero' marbuta ma dan il-ġnien fadal il-kwotazzjoni fuq *survey* li l-Kunsill talab fuq is-saqqaf tal-ġibjun, din il-kwotazzjoni intalbet lil żewġ kumpaniji li huma l-uniċi li jgħamlu dan it-tip ta' *survey*, pero' għadhom ma rrispondewx. Il-Viċi talab biex jkun ikkupjat fl-*email* biex jirsisti għal-risposta min naħa tal-Kunsill.

Rigward ir-restawr tal-funtana ta' l-Iljun, il-Perit Buhagiar nforma li kien hemm żewġ entitajiet li wkoll riedu jikkonsultaw magħhom; is-Superintendence of Cultural Heritage u Design Advisory Committee tal-Awtorita ta' l-Ippjanar. Dawn iż-żewġ entitajiet qed jgħidu li l-*basin* tal-funtana trid issir eżatt kif kienet qabel, u l-ilma ma jridx jarmi dirett fuq il-*pillars.*
Il-Kunsillier Cassar nforma li t-talba biex il-funtana ssir kif kienet qabel ma tgħamilx sens, għax il-basin kien għoli li jtellef il-viżwal tat-traffiku għax dan il-monument huwa *roundabout,* u l-ilma jrid jarmi l-ġewwa mhux il-barra.
Il-Perit Buhagiar nforma li jista jirribatti dawn il-punti, pero' ma jfissirx li t-talba tiġi aċċettata. Aparti min hekk l-*budget* għax-xogħolijiet fuq il-funtana huwa ta' 20,000 Ewro, u l-*equipment* waħdu tal-funtana jiswa 20,000 Ewro.

Il-Kunsilliera talbu lil-Perit Buhagiar biex jibgħat rapport bil-metraġġ li fadal u x'sar bħala bankini, inkluż ismijiet ta' toroq fejn saru l-bankini. Kif wkoll il-korrispondenza li saret fuq il-funtana ta' l-Iljun ma l-SCH u DAC, biex tittieħed deċizjoni dwar kif ser jitkompla il-proġett.

### 9.5.4 – Water Point

Is-Sindku nfurmat li kella laqgħa introduttiva mas-Sur Clint Scerri biex *water point* tiġi nstallata fil-Pjazza. Din tista tiġi *branded* kif jixtieq il-Kunsill, u l-pubbliku ħa jkun jista jixtri l-ilma bil 15c il-litru, għal-*still* jew *sparkling water*. Ħa jitnaqqsu l-użu tal-fliexken, għax min ħa jixtri l-ilma jrid jġib flixkun biex jimla fih.

Il-Kunsillier Cassar talab biex jittieħed ħsieb li tibqa funzjonabbli u jkolla *connection* separata għal meta jitneħħew il-*public toilets* u jsiru l-ġodda, u għalhekk meta titwaħħal nżommu f'moħna li ħa jkun hemm dan il-proġett.

Is-Sindku nfurmat li spejjes hemm 78 Ewro fis-sena għal-meter tal-ilma u 78 Ewro fis-sena għal-meter tad-dawl. Din il-*water point* ħa tkun qed ttina madwar 50 Ewro fix-xahar, jew inkella nistaw ngħażlu proġett ta' 600 Ewro. Is-Sindku nfurmat li tipreferi tieħu lura l-ammont fi proġett.

Fit 8:30pm il-membri preżenti unanimament qablu li l-laqgħa taqbeż it-tlett siegħat u tieqaf fid-9:15pm.

**9.5.5 - Immaniġjar tat-traffiku minn Triq il-Kungress Ewkaristiku u Pjazza Rotunda**
Is-Sindku talbet li tiġi kkunsidrata li t-traffiku jidħol lejn triq il-Kungress Ewkaristiku, u mhux joħroġ kif qiegħed bħalissa.

Il-Viċi Sindku nforma li s-sotto kumitat maħtur minnu jixtiequ l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel mas-sotto kumitat jibda jaħdem biex jsiru l-istudji kollha neċċesarji, biex eventwalment ir-riżultat ta' l-istudju jittella' għal approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-membri preżenti unanimament qablu biex s-sotto kumitat tat-*traffic management* jibda jagħmel l-istudji neċċessarji.
Il-Viċi Sindku nforma lil membri preżenti, li fuq is-sotto kumitat tat-traffic management żdied is-Sur Jason Micallef. Il-membri preżenti unanimament approvaw.

9.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

9.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 97.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 18 ta' Ottubru sat-12 ta' Novembru 2019.

9.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

9.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

9.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Ottubru 2019. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

9.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis 9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-9 ta' Diċembru 2019 fis-6:00pm.

Konfermati llum 12 ta' Novembru 2019.

IFFIRMATI
Romilda Baldacchino Zarb
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv